**Stqarrija għall-istampa**

**NCPE - Konferenza Għall-Jum Internazzjonali tal-Mara 2020**

L-Intelliġenza Artifiċjali (AI) tippermetti li l-magni jagħmlu xogħol li huwa simili għal dak li jagħmlu l-bnedmin, permezz tal-ipproċessar tad-data fil-lingwa naturali. Bl-użu ta' teknoloġiji bħal dawn, il-kompjuters jistgħu jitħarrġu biex iwettqu kompiti speċifiċi billi jipproċessaw ammonti kbar ta' data u jagħrfu ċerti xejriet f'din id-data. L-AI qiegħda tintuża aktar spiss f'diversi setturi u, b'hekk, qed teffettwa ħajjitna. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) organizzat konferenza dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u l-ugwaljanza bejn is-sessi sabiex tfakkar il-Jum Internazzjonali tal-Mara, u sabiex tqajjem kuxjenza fost il-pubbliku u l-partijiet ikkonċernati dwar l-isfidi pertinenti f'dan il-kuntest.

Il-Jum Internazzjonali tal-Mara huwa ċelebrazzjoni tal-kisbiet tal-mara u l-ħidma li saret minn diversi stakeholders madwar id-dinja biex jissalvagwardjaw id-drittijiet tan-nisa. Huwa wkoll il-jum li fih is-soċjetà tirrifletti fuq l-isfidi li jxekklu l-potenzjal sħiħ tal-mara milli jiġu realizzat inklużi d-diskriminazzjoni u x-xkiel soċjetali.

Il-konferenza ffokat fuq kif l-AI tista' tkattar id-diskriminazzjoni f'oqsma bħall-impjiegi u u l-provvista tas-servizzi u kif l-ugwaljanza tista' tiġi integrata fl-AIi.

Fid-diskors tal-ftuħ, il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza l-Onor. Edward Zammit Lewis qal li r-rappreżentanza ugwali tan-nisa u l-irġiel fix-xjenza u t-teknoloġija hija kruċjali biex fl-AI ikun hemm ugwaljanza bejn is-sessi. Dan il-bilanċ bejn is-sessi jikkontribwixxi wkoll għat-twessigħ tal-perspettivi u l-esperjenzi tal-professjonisti li jaħdmu f'dan il-qasam, u b'hekk ittejjeb il-kompetittività u tissaħħaħ l-ugwaljanza.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Ugwaljanza u r-Riformi l-Onor. Rosianne Cutajar saħqet li l-AI trid tirrispetta d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-ugwaljanza u u non-diskriminazzjoni. L-Onor. Cutajar semmiet ukoll diversi miżuri implimentati mill-gvern biex isaħħaħ l-indipendenza ekonomika tan-nisa. L-għan ta' din il-konferenza kien li tiżgura li x-xogħol li sar f'dan is-settur jissaħħaħ anke permezz ta' sistemi tal-AI, b'mod partikolari billi jkun hemm opportunitajiet indaqs fil-proċess ta' reklutaġġ. Dan iwassal sabiex tissaħħaħ il-ħidma tal-gvern fl-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' 'paga ugwali għal xogħol tal-istess valur'.

Is-Segretarju Parlamentari għas-Servizzi Finanzjarji u l-Ekonomija Diġitali l-Onor. Clayton Bartolo saħaq li matul l-aħħar snin, il-gvern fittex li juża l-potenzjal sħiħ tal-AI billi jkattar attività kummerċjali

qawwija. L-Onor. Bartolo żied jgħid li f'din l-era ġdida tat-teknoloġiji bl-AI, il-gvern lest li jaħdem għal ġid komuni kemm mas-settur privat kif ukoll mas-settur pubbliku.

Il-Kummissarju tal-NCPE Renee Laiviera esprimiet it-tħassib tagħha li globalment fis-settur tal-AI, 22% biss tal-professjonisti huma nisa. Dan jista' jwassal għal futur diġitali magħmul mill-irġiel għall-irġiel. F'dan il-kuntest, algoritmi u sistemi tal-AI jistgħu xxekklu d-diversità u l-aċċessibbiltà għas-sessi kollha. Id-diskriminazzjoni u l-preġudizzji għandhom jiġu evitati biex ma jħallux implikazzjonijiet negattivi. Is-Sa Laiviera saħqet li din id-diskussjoni hija konformi ħafna mal-ħidma tal-NCPE biex telimina d-diskriminazzjoni u tippromwovi l-ugwaljanza skont il-missjoni tagħha.

Dr Claudia Borg, lettur fid-Dipartiment tal-AI fl-Università ta' Malta, tkellmet dwar l-aspett tekniku tal-AI. Dr Borg semmiet kif l-algoritmi jistgħu jiddeterminaw ir-riżultati soċjali, u kif dawn jistgħu jħallu impatt ukoll fuq il-ħajja tan-nisa u l-irġiel b'esperjenza differenti tal-ħajja. Il-Professur Brenda Murphy, mid-Dipartiment tal-Istudji tal-Ġeneru fl-Università ta' Malta, qalet li f'kull ċirkostanza, ir-riskji ta' diskriminazzjoni għandhom jiġu evitati u limitati, speċjalment għal dawk il-gruppi li jesperjenzaw riskju ogħla ta' diskriminazzjoni (partikolarment in-nisa) jew li jkunu f'perikli akbar li d-drittijiet tagħhom jiġu effetwati mill-AI b'mod sproporzjonat.

Is-Sur Bernard Montebello, Human Resources Manager u s-Sa Greta Attard, Software Developer mill-Malta Digital Innovation Authority (MDIA) taw preżentazzjoni dwar l-AI u x'inhuma dawk l-affarijiet li qegħdin jinkwetaw in-nies dwar dan is-settur. Huma tkellmu wkoll dwar l-istrateġija u l-qafas tal-AI f'Malta 2030 u l-irwol tagħhom b'rabta mal-ugwaljanza.

Fil-konferenza kien hemm ukoll diskussjonijiet mar-rappreżentanti tal-assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem, trejdjunjins, u NGOs li flimkien iddiskutew l-esperjenzi tagħhom b'rabta mal-Intelliġenza Artifiċjali u kif din tista' tħalli effett fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi f'Malta.

Din il-konferenza, li saret biex tfakkar il-Jum Internazzjonali tal-Mara, serviet ta' opportunità sabiex wieħed jevalwa u jirrifletti dwar ir-rwoli, l-esperjenzi u l-ħidma li qiegħda ssir minn diversi partijiet konċernati b'rabta mal-Intelliġenza Artifiċjali, tqajjem għarfien dwar dan is-suġġett u l-ugwaljanza bejn is-sessi, u dwar il-miżuri li huma meħtieġa biex ikollna socjetà ħielsa minn kull forma ta' diskriminazzjoni.

**4 ta' Marzu 2020**